**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 6 TA' DICEMBRU, 2001

**Numru:**

**Avviz Nru: 63/01 JB**

**Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom tal-kumpanija estera Royal & Sun Alliance Insurance Plc bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Borg u l-istess Anthony Borg**

**vs**

**Dr. Jason Bonnici**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' Lm228.00c (mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltin) rappresentanti danni kagunati f' incident awtomobilistiku fl- 14 ta' Gunju, 1999 meta l-attur kien qieghed isuq il-vettura tieghu AAN 758 minn St. George's Road, San Giljan fid-direzzjoni ta' Spinola Square. F' daqqa wahda ghalkemm kien hemm id-dwal homor jixghelu, harget minn Ross Street, (Triq Sekondarja) il-vettura CAJ

205 misjuqa mill-konvenut li bil-quddiem taghha baqghet diehla fil-genb tal-karrozza tal-attur u kkagunalha d-danni.

L-atturi nterpellaw lill-konvenut b'ittra uffficjali tas- 17 ta' Mejju, 2000 biex ihallas s-somma ta' mitejn tmienja u ghoxrin lira Maltin (Lm228) danni kkagonati tort tieghu kwantu ghal mitejn u tlett liri Maltin (Lm203) lill-kumpanija attrici u kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) lill-attur izda ghal ta' xejn.

Ghalhekk l-esponenti qeghdin jaghmlu din il-kawza li biha jitolbu li l-konvenut jigi kkudannat ihallas in linja ta' danni is-somma ta' mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltin (LM 228) kwantu ghas-somma ta' mitejn u tlett liri Maltin (Lm203) lill-kumpanija attrici bhala s-somma li sburzat taht il-polza u kwantu ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) lill-attur li batiha minn butu prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut huwa responsabblii ghall-imsemmija kollizzjoni billi grat tort tieghu u ghad-danni konsegwenzjali.

Bl-ispejjes komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Mejju, 2000 u dik kontestwali lill-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax ta' 8% mid-data tal-istess ittra ufficjali tas- 17 ta' Mejju, 2000 kontra l-konvenut li gie mharrek ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta il-konvenut eccepixxa li t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti pererss illi l-incident stradali ‘de quo’ sehh unikament tort ta’ Anthony Borg u dana minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Sema’ ix-xhieda w t-trattazzjoni u n-noti ta’ osservazzjonijiet.

Ikkunsidra

Illi din il-kawza si tratta ta’ kollizzjoni li sehhet fuq it-traffic lights li jaghti minn St. George’s Street ghal Spinola Square, St. Julians u Ross Street.

L-assigurat tal-attur kien sejjer fid-dritt u l-konvenut mill-genb f’ forma ta’ T. Il-konvenut kien qed isegwi vetturi quddiemu u l-assigurat tal-attur gie mil-lemin.

Mill-provi prodotti mill-konvenut jirrizulta li d-dawl kien ahdar filwaqt dak oppost kien ahmar ghall-assigurat tal-attur. Gregory Attard u Marthese Ellul xehdu fuq id-dinamika li huma lahqu hargu u l-kollizzjoni grat warajhom.

Meta gie biex johrog, il-konvenut ma kellux vetturi quddiemu. Il-vettura tal-attur gia kienet lahqet quddiem. Di fatti, id-daqqa taghha qieghda fuq ix-xellug taghha.

Fl-opinjoni tat-Tribunal, li gara huwa li peress illi l-konvenut kienu grupp flimkien, huwa baqa’ hiereg warajhom minghajr ma ta’ kaz jekk id-dawl lahaqx qaleb jew le. Lanqas zamm a proper look out ghax lanqas ra lil vettura l-ohra

tigi quddiemu.  Bilfors ukoll li lahaq ghadda dak il-ftit taz-zmien relattiv ghax il-vetturi ta' shab il-konvenut ma kienu involuti xejn fil-kollizzjoni.  Indunaw meta sehibhom ma kienx warajhom.

L-assigurat tas-socjeta' attrici ma habatx ma dawn il-vetturi, kien il-konvenut lki baqa hiereg biex ikompli jsuq warajhom minghajr ma ta' kaz x' qedn jigri quddiemu.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi illi l-konvenut kien unikament responsabbli ghal kollizjoni u in vista li d-danni ma gewx kontestati tikkundannah ihallas is-somma ta' Lm228 (mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltin).

Bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.

**Dr Joseph Bonnici**
**Gudikatur**